MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru. 404/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**KONTRA**

**LIAM GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Liam Grech ta’ 16-il sena, bin Nicholas u Cecily nee’ Jones, imwieled Tal-Pieta’, nhar l-1 ta’ Frar, 1991, residenti fil-fond numru 8, Paradiso Court, N P Tabone Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 091891M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli nhar l-10 ta' Frar, 2007, ghall-habta tal-10.30pm f'Paceville limiti ta' San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi per natura fuq il-persuna tas-Sur Paul Micallef, detentur tal-karta tal-identita' numru 0023891M, u dan kif gie hekk iccertifikat minn Dr Chris Spiteri MD (Med Reg no 2770), u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet qablu li l-griehi sofferti minn Paul Micallef kienu ta' natura hafifa, u li l-istess irrinunzja ghal kull pretensjoni fil-konfront tal-imputat;

Rat illi l-imputat huwa minorenni, u ghalhekk jibbenefika minn riduzzjoni bil-piena ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 221 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imsemmi imputat Liam Grech hati, izda tilliberah bla kundizzjoni, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------